**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta' nhar-il Erbgħa 7 ta' Ottubru 2015**

**App. Nru. 76/13 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mario Bugeja**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmi Mario Bugeja, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 65568M, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

(1) fil-Fgura, f'tas-Sliema, f'Birkirkara, il-Qala Għawdex, u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, fis-sena 2003 u fis-snin ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li kisru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmulin b'risoluzzjoni waħda:

a) b'egħmil żieni kkorrompa persuni ta' taħt l-eta` u cioe` JB, BM, VG u CM liema minuri ġew fdati lilu, imqar għal xi żmien, sabiex jieħu ħsiebhom, jedukahom, jgħallimhom, jindukrahom jew iżommhom u liema delitt sar bi vjolenza;

b) bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita` kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-ligi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil diversi persuni taħt l-eta` kontra l-volonta` tagħhom u dan bħala mezz biex huma jiġu mġiegħla jagħmlu xi ħaġa, jew joqogħdu għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħhom;

c) offenda l-pudur jew il-morali b'egħmil li sar f'lok pubbliku u/jew f'lok espost għall-pubbliku;

(2) f'dawn il-Gżejjer, fis-27 ta' Jannar 2004 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmulin b'risoluzzjoni waħda:

a) bħala ċittadin jew resident permanenti ta' Malta sew jekk f'Malta jew barra minn Malta, ġibed jew ippermetta li jinġibed xi ritratt, *film, video recording* jew xbieha elettronika indeċenti ta' persuna ta' taħt l-eta` jew qassam jew wera ritratt, *film*, *video recording* jew xbieha elettronika indeċenti bhal dawn liema reat hu aggravat bil-fatt li xi wħud minn dawn ir-ritratti, *films, video recordings* jew xbiehat elettroniċi indecenti juru persuni taħt l-eta` li ma kinux għalqu d-disa' snin;

b) għal qligħ, jew għat-tqassim, jew għall-wiri f'post pubbliku jew f'post aċċessibbli għall-pubbliku, immanifattura, stampa jew xort'oħra għamel, jew daħħal f'Malta, jew akkwista, żamm, iċċirkola jew esporta xi stampat, tpinġija, ritratt, *film*, ktieb, kartolina jew kitba pornografika jew oxxena jew xi oġġett ieħor, ikun li jkun, pornografiku jew oxxen, kemm jekk jixbah lil dawn ta' hawn fuq kemm jekk le;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-8 ta' Frar 2013 fejn dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-liġi ndikati mill-Avukat Ġenerali fin-nota tiegħu tal-5 ta' Settembru 2005 u senjatament l-artikoli 17, 203(1)(a), 208A, 209, 86 u 87(1)(g) tal-Kodiċi Kriminali, sabet lill-imsemmi Mario Bugeja ħati tal-imputazzjonijiet mmarkati bħala 1(a), 1(b) u 1(c) iżda limitatament in kwantu dawn huma riferibbli għall-vittmi JB u BM, kif ukoll tal-imputazzjoni mmarkata bħala 2(a) u kkundannatu ħames(5) snin u nofs(1/2) priġunerija, izda ddikjaratu mhux ħati tal-bqija tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement illiberatu minnhom. Inoltre ordnat il-konfiska u d-distruzzjoni tal-materjal pornografiku esebit in atti, ordnat id-divjiet tal-pubblikazzjoni ta' isem il-minuri kollha nvoluti f'dan il-każ fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni, u, wara li rat il-Kap. 518 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex l-istess Mario Bugeja jitniżżel fuq ir-Reġistru ndikat fl-imsemmi Att u

għal dan il-għan ordnat li kopja tas-sentenza tiġi komunikata lill-imsemmi Reġistratur;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Mario Bugeja ippreżentat fid-19 ta' Frar 2013 fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha f'dik il-parti fejn ġie misjub ħati ta' l-imputazzjonijiet mmarkati bħala 1(a) u 1(b) u fejn ikkundannatu għall-piena ta' ħames snin u nofs (5½) priġunerija u tikkonfermaha fil-bqija u minflok teroga piena aktar ekwa u ġusta, jew alternattivament tvarjaha in kwantu tikkonċerna l-piena;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi u interpretat ħażin il-ġurisprudenza fir-rigward tat-teorija tal-*corrupta non corrumpitur*; (2) li, mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju, l-ewwel Qorti interpretat ħażin il-portata tal-paragrafu (a) tal-*proviso* ta' l-artikolu 203(1) tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll għamlet apprezzament żbaljat tal-provi relattivi għall-aggravanti msemmi f'dak il-paragrafu; (3) li, mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju, l-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi relattivi għall-allegat arrest illegali; (4) li, mingħajr preġudizzju għall-aggravji preċedenti, l-ewwel Qorti erogat piena li mhijiex idoneja għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

**6.** B'referenza għall-ewwel aggravju, wara li l-appellant jirreferi għal ġurisprudenza in materja, isostni illi l-ewwel Qorti m'għamlitx l-apprezzament tagħha taċ-ċirkostanzi partikolari u ma wiżnitx in-natura ta' l-atti mal-grad ta' korruzzjoni gja` milħuq mill-minorenni biex tara jekk dak l-att kommess fuq il-persuna jew anke fil-presenza biss tagħha rnexxilux attwalment jikkorrompiha. Jgħid illi, a parti l-fatt li tali apprezzament ma sarx, li kieku dan l-eżerċizzju sar, l-ewwel Qorti kienet tikkonkludi li fil-fattispeċi tal-każ ma kienx hemm korruzzjoni effettiva. L-appellant jikkontendi li la fil-każ ta' JB u lanqas fil-każ ta' BM ma kien hemm korruzzjoni effettiva.

**7.** Fir-rigward ta' JB jgħid illi "meta wieħed jikkonsidra l-eta` tiegħu fiż-żmien ta' dawn l-atti abbinat ma' l-esperjenzi sesswali tiegħu preċedenti, konsistenti u fuq medda twila ta' żmien ma' Martin Cefai, fid-dawl ta' l-insenjament tal-ġurisprudenza l-iktar moderna, diffiċilment jista' jingħad li l-atti sporadiċi ta' l-esponent setgħu b'xi mod iwasslu għall-'actual defilement' tiegħu. Ikun verament silloġismu erroneju li jingħad li la darba l-atti kellhom il-potenzjalita` li jikkorrompu, allura kien hemm korruzzjoni effettiva."

**8.** Din il-Qorti taqbel mal-pożizzjoni kif espressa mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza mogħtija fl-20 ta' Marzu 1989 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Carmelo Spiteri** u ċitata mill-ewwel Qorti:

"**'Huwa fatt li jistghu jinqalghu kazijiet fejn allegat suggett passiv tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 203 minhabba hajja dedikata ghal laxxivija u ghall-pjaciri sesswali ikun fi stat ta' travjament morali tant komplet li difficilment wiehed jista' jimmagina kif jista' jigi ulterjorment korrott u kazijiet bhal dawn gieli gew ikkunsidrati minn dawn il-Qrati, izda hu cert ukoll li l-esperjenza sesswali precedenti mhux necessarjament teskludi l-possibilita` li jkun hemm korruzzjoni ghaliex kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) in re Il-Pulizija vs George Portelli (2-2-1975), fejn dik il-Qorti abbraccjat it-teorija moderata ta' Maino, 'mhux qed jinghad li l-persuna ga parzjalment korrotta ma tistax tigi korrotta izjed. Si tratta ta' kwistjoni ta' bilanc'.**"

**9.** Il-*Corte di Cassazione* ta' Ruma, f'sentenza tal-11 ta' Ottubru 1906[1], qalet: **"Il concetto *corrupta non corrumpitur* puo` solo trovare applicazione di fronte ad un soggetto passivo giunto a tal grado di corruzione e di depravazione, da non esserne possibile un ulteriore stadio."** U f'sentenza tal-*Corte di Cassazione Penale* tad-29 ta' April 1925[2], intqal li **"sussiste il reato di corruzione di minorenne gia` corrotto se i nuovi ed ulteriori incitamenti alla corruzione contribuiscono effettivamente ad accrescerla"**. Fil-fatt wieħed jista' jitkellem dwar gradi ta' korruzzjoni.[3] Il-Manzini[4] josserva: **"La legge nulla dice circa il grado della corruzione; ma non per cio` puo` ammettersi che qualsiasi grado, anche minimo, di corruzione, porti all'impunita` dell'agente. Questo effetto e` proprio soltanto di quel grado di corruzione che non puo` piu` essere accresciuto in conseguenza del fatto altrui."**[5]

**10.** Issa, għalkemm huwa diffiċli li jiġi determinat jekk minuri wasalx jew le fi stat ta' korruzzjoni jew depravazzjoni assoluta, dan huwa eżerċizzju li l-ġudikant jrid jagħmel. Bħalma jgħid il-Majno[6]: **"E` una indagine (ripetiamo) da istituirsi caso per caso dal giudice; e, non ostante le difficolta` e**

---

[1] Ċitat minn Ugo Conti f'**Prima Raccolta Completa della Giurisprudenza sul Codice Penale, Vol. III, p. 35, paera. 113**.

[2] **Repertorio Generale Annuale della Giurisprudenza Italiana, Anno XXVII, p. 118, para. 4.**

[3] Ara, per eżempju, Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Emmanuele Sciberras**, 25 ta' Ġunju 1955.

[4] **Trattato di Diritto Penale Italiano, 1951, para. 2612, p. 449.**

[5] Skond Manzini, fejn l-atti libidinużi ma jżidux mal-għarfien li diġa` kellu l-minuri, il-possibilita` ta' korruzzjoni ulterjuri tista' tiġi eskluża. **"Non cosi`, invece, se il minorenne sia stato indotto ad atti di libidine diversi da quelli cui era dedito (per esempio: masturbatore di se` stesso indotto a compiere atti di libidine su altri; minore dedito al coito naturale, indotto a subire il congiungimento carnale anormale)".**

[6] **Commento al Codice Penale Italiano, para. 1476.**

**incertezze inseparabili da tale apprezzamento, riteniamo che questa sia la soluzione piu` corretta, di fronte al testo e allo spirito dell'articolo 335, evitando quindi le due estreme opinioni, secondo l'una delle quali sussiste sempre il reato qualunque sia la precedente corruzione del minore; e secondo l'altra si esclude la sussistenza del reato ogni qualvolta la vittima non sia nuova alle prattiche veneree e senza curarsi di stabilire se la corruzione sia stata suscettiva di aggravamento per effetto di nuovi atti."**

**11.** Tajjeb li jiġi osservat ukoll f'dan l-istadju illi għal dak li huwa l-element formali tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni taħt l-artikolu 203(1) tal-Kodiċi Kriminali, hija biżżejjed il-konsapevolezza fis-suġġett attiv li huwa qed jagħmel l-att – l-att ta' libidini – fuq jew fil-presenza tal-minorenni. Ma hix meħtieġa fis-suġġett attiv xi intenzjoni speċifika li jikkorrompi (ara **Il-Pulizija v. Fortunato Tagliaferro**, Appell Kriminali, 23 ta' Diċembru 1991).

**12.** Issa, fil-każ in eżami ġie stabbilit illi JB kien diġa` ġie introdott għal prattiċi sesswali minn ċertu Martin Cefai, konsistenti f'sess orali u prattika sadista jew sadomasokista konsistenti f'tagħfis u daqqiet fl-istonku, dejjem, pero`, ma l-imsemmi Martin Cefai. Bil-parteċipazzjoni ta' l-appellant, JB ġie introdott għal stadju differenti – JB marbut fuq sodda u mas-sodda u, filwaqt illi Martin Cefai jtieh b'mazza fuq l-istonku, l-appellant iwettaq sess orali fuq JB.

**13.** JB jirrakkonta wkoll dwar l-okkażjonijiet meta l-appellant kien imur għalih bil-karrozza u joqgħod imissu. Jgħid li l-appellant "idu aktar fuq kuxxtejja milli fuq il-*gear* kienet tkun ... u kont ngħidlu 'jien għarus' u hekk; kien jghidli 'le le jien mhux qed nagħmel xejn hux'." Jgħid li l-appellant kien jieħdu x'imkien fid-dlam, iniżżel is-seat, imissu "sakemm nispiċċa nagħmel dak li ma rridx", u l-appellant jagħmel sess orali fuqu. Isemmi okkażjoni partikolari fejn l-appellant kien mar għalih bil-karrozza, JB avżah li "m'hemmx ċuċati", iżda lanqas leħaq daħal fil-karrozza li l-appellant beda jtaptaplu fuq kuxxtejh, Wara li marru jieħdu drink u marru jaraw film (waqt il-film il-ħin kollu "jteftef"), telgħu ġo triq "imgerfxa" f'Ħal-Luqa fejn l-appellant beda jmissu u jimmasturbah. JB jgħid ukoll illi għalkemm Martin Cefai ġieli tah *blow-jobs*, l-iktar waħda li kienet fit-tul u sa l-aħħar kienet dik li tah l-appellant, tant li kien baqa' impressjonat.

**14.** Minn dan kollu jidher illi JB ġie introdott għal <u>esperjenzi ġodda</u>. Huwa rrilevanti jekk l-appellant ħaseb (minn dak li rriżulta miċ-*chats* u min-nuqqas ta' reżistenza ta' JB) illi fir-rigward ta' l-esperjenza sadomasokistika JB kien *a willing participant*. Kif intqal *supra* f'paragrafu 12, mhijiex meħtieġa fis-suġġett attiv xi intenzjoni speċifika li jikkorrompi. Fiċ-ċirkostanzi kollha hawn fuq imsemmija, l-appellant kien konsapevoli tal-fatt li qiegħed jagħmel atti ta' libidini fuq minorenni. L-atti ta' libidini li huwa wettaq fuq JB kienu bla dubju

ta' xejn atti li mhux biss kienu ***"apt to bring about a lesion of the moral integrity of the passive subject in respect of sexual matters"***,[7] iżda kienu tali li jwasslu lil din il-Qorti tikkonkludi li kien hemm korruzzjoni ulterjuri effettiva.

**15.** Fir-rigward ta' BM, stante l-irtirar tal-kwerela, l-uniku inċident jirreferi għall-okkażjoni meta l-appellant ħa lil BM fil-karrozza f'Ta' Qali u hemm immasturbaw flimkien. Fil-fehma ta' l-appellant, huwa legalment skorrett li jiġi argumentat li la BM kien minorenni u la ġew kommessi atti ta' libidini fil-presenza tiegħu, allura jissussisti r-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni. BM kellu sittax jew sbatax-il sena u għalhekk, skond l-appellant, din kienet eta` meta ma jistax jingħad li l-masturbazzjoni għandha xi potenzjal li tikkorrompi persuna. Fi kwalunkwe każ, jgħid l-appellant, dawn l-atti fl-agħar ipotesi setgħu jinkwadraw ruħhom mhux fir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni, iżda fir-reat separat u distint kontemplat fl-artikolu 203A tal-Kodiċi Kriminali.

**16.** L-ewwelnett il-masturbazzjoni fil-presenza ta' minorenni għandu jitqies bħala att ta' libidini għall-finijiet ta' l-artikolu 203(1) tal-Kodiċi Kriminali. Mix-xiehda ta' BM, jidher illi l-appellant ġie introdott lil BM minn Martin Cefai permezz ta' l-internet. Skond BM, Martin Cefai kien talbu jagħmlu affarijiet ta' natura sesswali iżda dejjem irrifjuta. Il-*grooming* li għamel l-appellant lil BM, pero`, kellu eżitu differenti. BM jgħid illi meta l-appellant kien jgħaddi għalih bil-karrozza, ġieli kienu jmorru Ta' Qali fejn kien jagħmel dak li jgħidlu l-appellant: biex idaħħal żaqqu 'l ġewwa u jinża' u ġieli l-appellant kien jimmasturba ħdejh. Jgħid ukoll li kienu jimmasturbaw flimkien. Il-fatt li seta' kien hemm xi diskors goff b'konnotazzjonijiet sesswali waqt li BM u l-appellant kienu jkunu *chatting* (bħalma ġie implikat waqt il-kontro-eżami ta' BM) ma jfissirx illi BM kien tant depravat "**che non puo` piu` essere accresciuto in conseguenza del fatto altrui**". Fil-fatt jidher illi kien l-appellant li ntroduċieh għal ċertu aġir. Meta l-appellant kien jimmasturba quddiem BM, kien qiegħed jgħaddilu messaġġ li l-masturbazzjoni quddiem persuna oħra jagħti gratifikazzjoni u huwa egħmil li jista' jsir. Difatti BM, għax indott mill-appellant, spiċċa mmasturba wkoll. Għalhekk anke fir-rigward ta' BM, din il-Qorti tikkonkludi li kien hemm korruzzjoni attwali jew effettiva.

**17.** Għaldaqstant l-ewwel aggravju huwa respint.

**18.** Dwar it-tieni aggravju l-appellant, wara li josserva illi l-ewwel Qorti sabitu ħati ta' l-aggravanti ta' vjolenza msemmija fil-paragrafu (a) tal-*proviso* ta' l-artikolu 203(1) tal-Kodiċi Kriminali – dan fil-konfront ta' JB – jissottometti illi l-vjolenza msemmija f'dan il-paragrafu m'għandhiex tiġi ekwiparata mal-vjolenza fiżika u tfisser sempliċement nuqqas ta' kunsens. Kontradittorjament

---

[7] Appell Kriminali **The Police v. Thomas Wiffen**, 8 ta' Jannar 1996.

imbagħad jirreferi għal bran mill-Carrara ċitat fis-sentenza **Il-Pulizija v. Orazio Godwin sive Horace Laudi** (9 ta' Ġunju 1977) u li ttrattat il-portata tal-vjolenza fir-reat kontemplat fl-artikolu 207 tal-Kodiċi Kriminali, u li jagħmel il-vjolenza tikkonsisti **"dal concorso di due volonta` contradicentesi e poste direttamente in reciproca guerra: quella del soggetto passivo che non vorrebbe patire siffatto oltraggio e quella dell'agente che vuole l'oltraggio e vuole altresi` vincere colla forza fisica o col timore la conosciuta volonta` del soggetto passivo e renderla come che sia impotente a resistere al suo desiderio"**. Mela meta l-liġi titkellem dwar vjolenza, il-vjolenza fiżika mhijiex eskluża, b'dan illi flimkien ma' tali vjolenza jrid ikun hemm in-nuqqas ta' kunsens tas-suġġett passiv.

**19.** L-appellant ikompli jgħid: "Illi f'dan il-każ ma rriżulta la nuqqas ta' kunsens u wisq anqas forza fiżika sabiex jiġi kommess l-att fuq JB kif qiegħda tinterpreta ħażin il-Qorti tal-Maġistrati. Effettivament ma jirriżulta minn imkien fil-provi li Borg ma tax il-kunsens tiegħu biex jintrabat kif fil-fatt ġara. L-esponent mar fir-residenza ta' l-esponent u akkonsentixxa għall-irbit. Bilkemm hemm għalfejn jingħad li n-nuqqas ta' kunsens għal dan l-att irid jiġi ppruvat mill-prosekuzzjoni. Dan in-nuqqas ta' kunsens ma ġiex ippruvat proprju minħabba l-fatt li JB ta l-kunsens biex jintrabat. Id-daqqiet b'mazza fuq l-istonku tiegħu kienu parti minn rit ta' sadomasokiżmu u bl-ebda mod ma kienu intiżi biex jiffaċilitaw xi atti ta' libidini li ma kinux ser jiġu permessi fl-assenza ta' l-irbit. Di piu`, kif jammetti l-istess JB, id-daqqiet ta' mazza li weġġgħuh ingħataw minn Martin Cefai u mhux mill-esponent tant li l-istess esponent ma ġie akkużat b'ebda reat ta' offiża fuq il-persuna ta' JB."

**20.** Issa, l-ewwel Qorti kkonkludiet illi l-aggravju ta' vjolenza jirriżulta mill-provi għax: **"F'dak il-mument li kien marbut, dan JB ma setax joffri ebda forma ta' resistenza u kien suġġett għal daqqiet fuq l-istonku tiegħu u għall-affarijiet l-oħra li saru fuq il-persuna tiegħu".** Dan huwa minnu. Iżda mix-xiehda ta' JB jirriżulta li kien hemm diġa` preludju għal dan l-avveniment sadomasokistiku. Dan kien waqt *chat* li kellu JB ma' l-appellant fejn, pero`, JB jgħid li kien qiegħed jagħmel *copy and paste* ta' dak li kien qiegħed jgħidlu Martin Cefai li kien qiegħed f'*chat* miegħu wkoll. Apparti hekk, pero`, fil-ġurnata ta' dan l-avveniment, l-appellant, Martin Cefai u JB kienu ftehmu li jmorru jieħdu pizza. JB jammetti li "kellu ideja" ta' dak li se jiġri għax waqt li qed jieħdu l-pizza, "bdew jitfgħuli qishom botti x'ħa nagħmlu u ma nagħmlux u ma kontx nitkellem, kont noqgħod hekk kwiet". Waqt kontro-eżami JB jgħid illi dak iż-żmien ma kienx matur u qisu kulħadd jagħmel li jrid bih, apparti li kien żmien meta kellu d*epression* kbira. Iżda kieku ma riedx jissubixxi dak li kellhom f'moħħom l-appellant u Martin Cefai, ċertament kien juri l-minimu ta' oġġezzjoni jew almenu ta' skonfort jew preokkupazzjoni dwar dak li kien qiegħed jingħad. Fl-ebda mument waqt ix-xiehda tiegħu ma qal li pprova jevita

milli jakkompanja lill-appellant u Martin Cefai fir-residenza ta' l-appellant fil-Fgura, jew li wera xi forma ta' oġġezzjoni jew ipprova jwaqqaf lill-appellant u lil Martin Cefai milli jorbtuh. Dwar id-daqqiet ivvibrati fuqu (JB jgħid li kienu d-daqqiet ta' Martin Cefai li weġġgħuh u mhux dawk ta' l-appellant), irid jingħad illi JB kien diġa` f'okkażjonijiet oħra ssubixxa għal trattament simili minn Martin Cefai. M'hemmx dubju illi l-vjolenza li ntużat fuq JB kienet parti minn rit sadomasokistiku. Minn imkien ma jirriżulta li JB ma kienx konsenzjenti jew almenu akkwijexxenti għall-avveniment in kwistjoni. Għalhekk it-tieni aggravju qiegħed jiġi milqugħ.

**21.** Kwantu għat-tielet aggravju, l-appellant fl-ewwel lok jirreferi għal dak li qal fir-rigward tat-tieni aggravju. Jgħid ukoll li skond it-test tal-liġi, sabiex tinstab ħtija fir-reat kontemplat fl-artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali (f'dan il-każ bl-aggravanti ta' l-artikolu 87(g)), tali arrest irid ikun sar "kontra l-volonta`" tal-persuna arrestata. Skond l-appellant ma jirriżulta minn imkien mill-provi li JB oġezzjona jew ma tax il-kunsens  sabiex jintrabat. Anzi jirriżulta miċ-*chats* li kien hu li wera x-xewqa li jintrabat. L-appellant isostni illi l-kumment fis-sentenza appellata li l-kliem fiċ-*chats* ma kienx intqal minn JB minn jeddu iżda kien biss qed iwassal messaġġ ta' Martin Cefai, huwa irrilevanti prinċipalment minħabba li dan qatt ma ġie a konoxxenza ta' l-appellant.

**22.** Hawn din il-Qorti tirreferi għal dak li ntqal fil-paragrafu preċedenti u tirreferi wkoll għal dak li ġie deċiż fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-30 ta' Ottubru 2006 fil-proċeduri li ttieħdu kontra Martin Cefai.[8] Ara wkoll Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Andrew Bonnici** deċiż fit-23 ta' Jannar 1998.[9] Ma jistax jingħad illi JB mar fil-fond li kien jappartjeni lill-appellant fil-Fgura kontra l-volonta` tiegħu. Għalhekk ma jistax jingħad illi kien hemm arrest, detenzjoni jew sekwestru illegali.

**23.** Permezz tar-raba' aggravju l-appellant jgħid illi l-piena erogata ma kinitx waħda idoneja. Huwa jagħti s-segwenti raġunijiet:

> "Illi l-esponent huwa ferm perpless bil-kumment tal-Qorti tal-Maġistrati dwar l-effett li l-aġir tiegħu ħalla fuq il-ħajja tal-minorenni konċernati kif ukoll bil-kumment li fiċ-ċirkostanzi kellha tiġi imposta piena karċerarja effettiva u aktar viċin il-massimu imponibbli. Jidher li l-fatt li l-Maġistrat li erogat is-sentenza ma kinitx l-istess Maġistrat li għexet il-proċess, li semgħet il-provi, li rat il-

[8] **Il-Pulizija v. Martin Cefai**: "Illi l-irbit illi gie menzjonat kienet parti ntegrali mill-att sesswali, u ghaldaqstant, ma jikkonfigurax ghall-akkuza ta' sekwestru fuq il-persuna, ai termini tal-Artikolu 86 tal-Kap 9."

[9] **Il-Pulizija v. Andrew Bonnici**: "Għalkemm it-tifel jgħid li meta f'ħin minnhom l-appellant qallu biex jagħmel xi ħaġa hu (jiġifieri t-tifel) beża' iża xorta għamel dak li qallu għax ra l-bieb magħluq bil-kantun, f'ebda ħin ma jirriżulta li t-tifel fisser lill-appellant li hu ried jitlaq minn hemm u l-appellant, b'xi mod jew iħor, ma ħalliehx."

komportament tax-xhieda u li semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet kellu impatt ferm negattiv fuq l-eżitu finali tal-kawża. L-eżenzjoni għas-smigħ mill-ġdid tal-provi saret biss minħabba l-ġurisprudenza reċenti ta' din l-Onorabbli Qorti fis-sens li ma hemmx il-ħtieġa li f'każijiet bħal dawn jerġgħu jinstemgħu l-provi b'mod li ll-prinċipji sani elenkati fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jiġu kompletament skartati.

"Illi dan qed jingħad proprju għaliex, fl-ewwel lok, ma hemm xejn fl-atti proċesswali li jista' jindika li l-ħajja ta' BM u ta' JB ġiet effettwata b'xi mod mill-aġir ta' l-esponent u, fit-tieni lok, li l-esponent kien jimmerita mhux biss piena karċerarja iżda addirittura piena viċin il-massimu imponibbli. Jekk l-aġir ta' xi ħadd ħalla marka li diffiċilment titħassar fil-ħajja ta' JB, dan kien proprju l-aġir ta' Martin Cefai li għal sentejn u nofs kellu rapporti sesswali miegħu xi tliet darbiet fil-ġimgħa. Interessanti f'dan l-isfond il-kumment ta' CM li meta xehed qal li ma kienx jaf il-għala kien qed jitkellem fuq Mario għaliex kien Martin li rrovinalu ħajtu. Fir-rigward ta' BM, għalkemm mhux ġest konsiljabbli, ċertament ma jistax jingħad li masturbazzjoni f'karrozza fl-eta` ta' sittax jew sbatax-il sena jista' jkollu dak l-effett devastanti li timmerita piena karċerarja viċin il-massimu imponibbli.

"Illi l-fatt li tlieta minn dawn l-erba' minorenni rtiraw il-kwerela jkompli juri kemm effettivament l-esponent ma kienx il-katalista tat-trawma li huma setgħu għaddew minnha u li l-ħsara li setgħet saritilhom ġiet kommessa minn persuna oħra, u cioe` minn Martin Cefai. Dawn il-fatturi lanqas biss issemmew fil-parti tas-sentenza appellata dwar l-erogazzjoni tal-piena.

"Illi d-difiża talbet għall-ħatra ta' espert sabiex isir *psychological assessment* ta' l-esponent u fil-fatt inħatret Dr. Roberta Holland. Għalkemm il-Qorti tal-Maġistrati rriteniet li kkonsidrat il-kontenut tar-rapport, l-esponent ma jistax jifhem xi kwalita` ta' konsiderazzjoni ngħata dan ir-rapport. Ma jirriżultax mis-sentenza li x-xiehda u r-rapport tagħha ġew skartati iżda stranament il-piena erogata ma tirrispekkjax dak li ntqal fir-rapport.

"Illi Dr. Holland sabet, *inter alia,* li l-esponent huwa bniedem li jakkomoda lil kulħadd u ma jidħolx f'argumenti jew jirrita lil terzi. Meta kien fit-tielet sena tas-sekondarja huwa ssubixxa traġedja doppja fis-sens li missieru miet wara marda serja u fl-istess żmien iltaqa' ma' Martin Cefai li beda jabbuża minnu fl-eta` ta' erbatax-il sena. Skond hi l-esponent huwa persuna li m'għamdux tendenzi kriminali u dejjem kien taħt l-impressjoni li kien hemm il-volontarjeta` tal-minorenni. Kien biss meta Cefai reġa' daħal f'ħajtu li aċċetta li jagħmel dak li għamel fuq insistenza ta' l-istess Cefai u dejjem peress li ħaseb li dawn il-minorenni kienu konsenzjenti. L-esponent beda jieħu l-kura għall-problemi tiegħu u din il-kura qed tħalli l-effett mixtieq. Għal kull bwon fini qed issir pjena referenza għar-rapport u għax-xiehda tagħha.

"Illi l-esponent kien ilu taħt l-influwenza ta' Martin Cefai mill-eta` ta' ebatax-il sena. L-atti inkriminati kollha seħħew meta l-esponent reġa' spiċċa taħt l-influwenza tiegħu proprju minħabba l-fatt li kien psikoloġikament inħakem minnu kif tispjega tant tajjeb l-esperta tal-Qorti Dr. Roberta Holland.

> "Illi ma' dan għandu jiżdied li l-Pulizija reġgħu ġabru l-*computers* ta' l-esponent sena wara li bdew jinvestigawh u sabu li ma kien hemm assolutament xejn ġdid relatat ma' pornografija. Huwa bl-akbar rispett kontro-sens li persuna li qabdet it-triq it-tajba kważi għaxar snin ilu, persuna li kienet hi vittma ta' abbużatur ċelebri, persuna li l-aġir tagħha kien verament *de minimis* meta paragunat ma' dak ta' Martin Cefai u, fuq kollox, persuna li ħadet il-kura bis-serjeta` u liema kura qed tirnexxi, tintbagħat ħames snin u nofs priġunerija."

**24.** Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa x-xiehda li tat Dr. Roberta Holland, kif ukoll ir-rapport studjat tagħha. Eżaminat ukoll l-istqarrijiet u x-xiehda ta' l-appellant. Huwa evidenti illi l-appellant kien ġie abbużat meta kien ta' eta` żgħira (bejn tlettax u sittax-il sena). L-aktar abbuż prolongat seħħ mill-istess Martin Cefai li ssemma f'din is-sentenza, għalkemm kien hemm okkażjonijiet meta ġie abbużat minn persuni oħra). Jirriżulta illi l-appellant huwa nieqes f'assertivita` u kunfidenza fih innifsu. Jiddeskrivi lil Martin Cefai bħala persuna dominanti u meta reġa' daħal f'ħajtu wara perkors ta' madwar ħmistax-il sena, ħallieh jinfluwenzah. Jgħid ukoll: "Ma heddidnix, sfurzani iva." Għalkemm proprjament l-appellant ma avvanzx id-difiża tal-koerzjoni, saret ampja referenza għad-dominanza li jingħad li kellu fuq l-appellant l-imsemmi Martin Cefai.

**25.** L-artikolu 33 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li **"kull persuna tkun eżenti minn responsabbiltà kriminali jekk fil-waqt tal-att jew tan-nuqqas ... (*b*) kienet imġiegħla b'forza barranija li ma setgħatx tirreżisti għaliha."** Bħalma ntqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Ian Abela Fitzpatrick** deċiż fl-24 ta' Frar 2010 fejn kienet sollevata din id-difiża:

> "Il-linja difensjonali hawn sollevata mid-difiza hi dik tat-teorija tal-koerzjoni, jigifieri, li wiehed ikun sforzat, jigi mgieghel, biex jaghmel xi haga kontra l-volonta` tieghu, li, altrimenti jew normalment ma kienx jaghmel. Il-ligi taghna fl-artikolu 33(b) tal-Kap. 9, issejjah din il-koerzjoni bhala "forza barranija", jigifieri trid tkun xi haga, forza jew koerzjoni gejja minn haddiehor kompletament indipendenti minn min jaghmel l-att materjali, minn min qed issirlu dik il-forza fuqu. Trid tkun forza, mela, li certament u necessarjament ghandha tkun prezenti fil-waqt li din il-vittma ta' dik il-forza tkun qed taghmel xi att materjali, xi delitt, u mhux gejja minn xi zmien qabel biss.
>
> "....
>
> "Issa, jekk bniedem minaccjat ikollu xi triq alternattiva li biha jista' jehles minn dik il-forza barranija, kif ukoll mid-dannu konsegwenzjali ta' dik il-minaccja, u hu, izda, jonqos milli jaghmel uzu tajjeb minn din it-triq alternattiva, allura l-artikolu 33(b) ma jkunx jista' jigi nvokat jew applikat. Cioe`, jekk, f'xi kaz partikolari, fejn bniedem qed ihossu jew qed jigi mhedded gravement b'xi forza barranija, jekk tezisti l-possibilita` li b'xi mod dak it-theddid u l-konsegwenzi tieghu jistghu jigu newtralizzati, allura, hu ghandu l-ewwelnett japprofitta ruhu minn dik l-opportunita`. Jekk ma jaghmilx hekk u jesegwixxi l-att li qed jigi

> mgieghel li jaghmel permezz ta' dik il-forza barranija, gravi kemm hi gravi, allura f'dak il-kaz ir-responsabilita` kriminali tieghu ma tkunx eskluza u l-artikolu 33(b) tal-Kap. 9 ma japplikax.
>
> "Din il-kwistjoni ta' koerzjoni mela hi kollha kemm hi kwistjoni ta' cirkostanzi, ta' fatti li jemergu mill-provi. Dawn il-fatti jridu jkunu tali li jikkonvincu lil min ghandu jiggudika, imqar sal-grad tal-probabbli, li tassew il-bniedem li ghamel l-att kriminanti ma setax, fic-cirkosanzi li sab ruhu fihom, jehles minn dik il-forza barranija bla ebda mod iehor hlief milli jaghmel dak li kien imgieghel li jaghmel, cioe` ma kellux alternattiva ohra kif jista' jehles minn dik il-forza barranija."

**26.** Fil-każ in eżami, l-appellant stess jgħid illi ma kienx mhedded minn Martin Cefai. Għalkemm l-ewwel jgħid li kien influwenzat minn Cefai, imbagħad jgħid li kien sfurzat minn dan Cefai. Li wieħed sempliċement *"he goes along"* ma' xi ħaġa proposta minħabba dak li ġie deskritt bħala nuqqas ta' assertivita` ma jfissirx illi ġie koatt. Il-"forza barranija" trid tkun *unresistable* u mhux sempliċement *unresisted*.

**27.** L-appellant isostni illi huwa kien ingħata x'jifhem illi l-minorenni involuti kienu konsenzjenti. Ciononostante, l-appellant, li kien issubixxa abbuż meta kien ta' l-istess eta` ta' l-imsemmijin minorenni, kien adult biżżejjed biex jirrealiżża li l-problemi u l-emozzjonijiet li huwa sofra minħabba l-abbuż fuqu kien issa se jinferixxi jew seta' jinferixxi fuq ħaddieħor. U għalkemm il-minorenni kienu ġew introdotti lill-appellant minn Martin Cefai, bħalma ntqal *supra* f'ċerti istanzi kien l-appellant li ħa l-inizjattiva (ara partikolarment para. 13 u 16). Kwantu għall-effetti fuq il-minorenni nnifishom, din il-Qorti tirreferi wkoll għal dak li ntqal *supra* f'paragrafi 14 u 16.

**28.** Għal dak li jirrigwarda n-natura tal-piena, din il-Qorti hi tal-fehma li, stante n-natura serja tar-reati, piena karċerarja effettiva hi dik idoneja. Naturalment irid jittieħed kont tal-fatt illi l-kondotta ta' l-appellant baqgħet waħda netta, li hu stess fittex li jieħu l-kura meħtieġa, li fil-każ ta' BM kien hemm il-maħfra tiegħu li, iżda, ma tapplikax għal dak li seħħ f'post pubbliku, li fil-każ ta' JB kien hemm almenu akkwijexxenza, li l-istess JB kien diġa` ġie soġġettat għal abbuż għal numru ta' snin minn Martin Cefai, u li din il-Qorti sejra tiddikjara lill-appellant mhux ħati ta' l-aggravanti tal-vjolenza skond il-paragrafu (a) tal-*proviso* ta' l-artikolu 203(1) tal-Kodiċi Kriminali u mhux ħati wkoll tar-reat kontemplat fl-artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali (f'dan il-każ bl-aggravanti ta' l-artikolu 87(g)) u għalhekk irid neċessarjament ikun hemm temperament fil-piena.

**29.** Kwantu għall-parametri tal-piena, il-piena għar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni hi ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet snin. Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali stante li hawn ġie addebitat

b'reat kontinwat, il-piena tista' titla' sa massimu ta' ħames snin. Ir-reat kontemplat fl-imputazzjoni (1)(c) hu f'dan il-każ assorbit fl-imputazzjoni (1)(a). Kwantu għall-imputazzjoni (2)(a), il-piena massima viġenti meta seħħew ir-reati in kwistjoni[10] kienet ta' sitt xhur priġunerija, liema piena, stante li hawn ukoll l-appellant ġie addebitat b'reat kontinwat, titla' sa massimu ta' sena. Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 17(b) tal-Kodiċi Kriminali l-piena massima applikabbli f'dan il-każ hi għalhekk ta' ħames snin u sitt xhur, li hija preċiżament il-piena nflitta mill-ewwel Qorti. Kif ingħad, irid isir temperament fil-piena, biex jiġi rispekkjat il-fatt illi din il-Qorti sejra tiddikjara lill-appellant mhux ħati ta' l-aggravanti tal-vjolenza u tar-reat ta' sekwestru tal-persuna, kif ukoll sabiex jiġi rispekkjat dak diġa` elenkat fil-paragrafu preċedenti.

**30.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant ħati ta' l-aggravanti ta' "vjolenza" fl-imputazzjoni (1)(a) kif ukoll in kwantu sabitu ħati ta' l-imputazzjoni (1)(b) u minflok tiddikjarah mhux ħati tagħhom u minnhom tilliberah; tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannatu ħames(5) snin u nofs(1/2) priġunerija, u minflok tikkundannah erba' snin priġunerija u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. **L-appellant għandu jkompli jingħata l-kura psikjatrika u psikoloġika kollha meħtieġa kif irrakkomandat Dr. Roberta Holland.**

---

10 Artikolu 208A tal-Kodiċi Kriminali introdott bl-Att III tas-sena 2002.